# Kunsill Lokali IL-Gżira

1 t' Awwissu 2012

Ref Nru.Klg6/005a

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/005a li saret l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Joseph Muscat minħabba li kien imsiefer.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-21 ta' Ġunju 2012.

**5. Diskussjoni u approvazzjoni ta' Sejħa għall-Offerti għall-*Cleaning, maintenance, upkeep & embellishment of parks, public gardens and soft areas, using environmentally friendly products*.**

**5.1** Iċ-*Chairman* fetaħ id-diskussjoni billi qal, li b'eżitu tal-laqgħa li l-Kumitat *ad hoc* magħmul mill-istess membri tal-Kunsill, ġie analizzat fid-dettal dan id-dokument u s-segwenti kienu l-kummenti mressqa:

- li tiġi nkluża Misraħ Turu Colombo – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li din kienet diġa ġiet inkluża f'paġni 46, 58 u 62

- li jiġu esklużi mill-*financial bid items* minn 48 'l quddiem – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li din il-korrezzjoni kienet diġa' saret

- r-raġuni l-għala d-dokument hu bla ħlas u l-*bid bond* mhix applikabbli – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li skont *e-mail* ta' kjarifika li dan il-Kunsill kien irċieva għall-mistoqsijiet imressqa minnha aktar kmieni dak in-nhar stess tal-laqgħa, d-Dipartiment tal-Kuntratti nforma, li skont ċirkulari 01/2012 maħruġa minn dan id-Dipartiment stess, il-ħlasijiet applikabbli għax-xiri tad-dokumenti għandhom ikunu bażati skont kif stmati mill-Awtorita' li tkun qed tippubblikom u cioe' kif elenkati:

i anqas minn €50,000 - bla ħlas

ii bejn €51,000 sa €100,000 - €20 kull dokument

iii bejn €101,000 sa €120,000 - €50 kull dokument

- Dwar il-*Bid Bonds* ġie spjegat, li din għandha tkun ta' 1% skont kemm ikun stmat it-*Tender* li teskludi l-*VAT* u għandha tapplika għal *Tenders* stmati aktar minn €120,000.

  Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament, li dan il-kuntratt hu stmat anqas minn €50,000 u għalhekk, la l-*Bid Bond* u lanqas ħlas għax-xiri tad-dokumenti ma japplikaw.

- *Item* Nru: 36 tal-*Financial Bid* għandu jinqara 'filling of *fountain in Council of Europe Gardens Gżira instead of ' filling wells with bowser*.

It-*Tender* kif hawn fuq emendat, ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jiġi ppubblikat fil-ġurnali ta' kuljum u l-Gazzetta tall-Gvern.

**7. Affarijiet Oħra – Kontinwazzjoni**

**7.3** Iċ-*Chairman* ressaq il-punti hawn taħt elenkati sabiex titieħed azzjoni mid-Ditta *E.L.C.*

- li jitneħħa x-xitel ta' l-*Oleander* li nżergħu riċentament fil-ħwat tax-Xatt

- li jitneħħa x-xitel tal-*cactus* fi Pjazza Meme' Scicluna

- li tinżabar is-soft area f'Misraħ Turu Colombo

Matul id-diskussjoni li saret, filwaqt li l-Kunsill qabel unanimament mal-punti hawn fuq imsemmija, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li fil-ħwat tax-Xatt kellhom jiġu miżrugħa *shrubs* madanakollu, l-kuntrattur ġibet l-

attenzjoni, li jeħtieġ li jogħla l-livell tal-ħamrija sabiex l-art tkun tista' tinħadem.

Il-Viċi-Sindku rrimarka, li jeħtieġ li jogħla l-ħadid li hemm mad-dawra tas-*soft area* ta' Misraħ Turu Colombu minħabba li dan huwa baxx u għalhekk ta' periklu għat-tfal.

**7.4** Iċ-*Chairman* talab li kopja tat-*tender document* tal-*Contract Manager* maħruġ mill-Kunsill Lokali Pembroke, jiġi ċirkulat lill-membri kollha tal-Kunsill.

**7.5** Bi żvilupp ma' dak li kien ġie aġġornat bih il-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li n-*National Audit Office*, ħatret lid-ditta *Grant Thornton* bħala responsabbli mill-*Interim Audit* liema proċess, irid isir sa l-aħħar xahar sħiħ li tkun ħadmet bħala Segretarju Eżekuttiv u għalhekk, il-*Financial Statements* kif preżentati u approvati matul l-ewwel parti ta' din il-laqgħa riedu jiġu aġġornati u jrid isir ħlas mill-Kunsill lil din id-ditta ta' €3,500.00. Hi kompliet tgħid, li għalhekk kienet qed titlob biex mill-aktar fis possibbli, jinġieb Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex dan il-proċess ta' trasferiment li ilu mibdi sa mill-bidu ta' Mejju 2012, ikun jista' finalment jiġi konkluż.

Iċ-*Chairman* qal, li hu kien diġa' kellem lis-Sur Kevin Borg li minn naħa tiegħu kkonfermalu li kien dispost li jservi bħala Agent Segretarju Eżekuttiv f'dan il-Kunsill Lokali sakemm jeżawrixxi l-proċess ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Paola.

**7.6** Il-Viċi-Sindku qal, li spiss kien qed jiġi avviċinat mill-ex Kunsillier Anthony Abela għar-raġuni li l-*rain water gutter* kif propost mill-Perit tal-Kunsill, li ried isir fi Triq Ponsonby k/ma' Triq Carlo Manche' kien għadu ma sarx.

Matul id-diskussjoni li saret fejn ngħatat ħarsa ta' xi żviluppi li kienu saru relatati ma' din il-materja l-Kunsill qabel unanimament, li l-Kunsillier Joe Camilleri bħala l-aktar persuna ntiża fuq dan il-proġett, għandu jagħmel kuntatt mal-kuntrattur dwar din il-materja.

**7.7** Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-punti mressqa għad-diskussjoni waqt il-laqgħa li r-rappreżentanza ta' dan il-Kunsill, magħmula mill-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Charles Micallef St John, il-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja mmexxija minnu, kellhom ma' l-Onor Ministru George Pullicino fis-6 ta' Lulju 2012.

*Roof parking area* ta' *reservoir* li qed jiġi żviluppat mill-Ministeru tiegħu stess fi Triq Dott Guze Miceli – filwaqt li l-Ministru qal li ma jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba, l-Kunsill irid jieħu ħsieb il-permessi kollha neċessarji tal-MEPA liema xogħol, ġie nkarigat lill-Perit Joe Bugeja u ġiet

evalwata l-possibbilita' li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' dan il-parkeġġ sabiex il-Kunsill ikun jista' jamministrah

Aċċessibbilita' għall-pubbliku mix-Xatt għall-Ġnien billi tiġi estiża l-bankina wara l-pompa tal-petrol – ġie spjegat, li filwaqt li ll-Kunsill ikun responsabbli mit-tħejjija ta-disin u jrid jiġi verifikat x'applikazzjonijiet jeħtieġu mill-*MEPA* l-Ministru kkonferma, li din issir mill-Ministeru.

L-entratura tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa - filwaqt li l-Kunsill hu responsabbli mid-disin tagħha, din għandha tiġi mressqa lill-Ministeru għall-approvazzjoni tiegħu sabiex eventwalment, ikun jista' jagħmilha a spejjeż tiegħu (*MRRA*).

Il-*Pelikan Lights* eżistenti fi Triq ix-Xatt, quddiem il-*Bank of Valletta* jitressqu aktar lejn il-*Housing Estate*.

Rigward *Zone 1* tal-bankini, l-Kunsill talab sabiex dawn isiru bħalma l-istess Ministeru għamel f'Tas-Sliema – matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* qal, li filwaqt li l-Ministru ma sab ebda oġġezzjoni għal din it-talba tant, li hu kkonferma li l-pjan tal-Ministeru hu li l-bankini minn fejn spiċċaw jiġifieri, Triq ix-Xatt k/ma' Triq Manwel Dimech Sliema, jitkomplew bl-istess pattern sa Triq Imsida Gżira. Madanakollu, dan il-proġett ma tkomplix għar-raġuni, li fi żmien sentejn irid isir proġett ieħor relatat mal-karreġġjati ta' Triq ix-Xatt fl-liema proġett, mhux eskluż li jitmessu l-bankini u għalhekk, l-ewwel irid jitlesta dan il-proġett u sussegwentament ta' liema, jitkompla l-proġett tal-bankini.

**7.8** Dwar il-*Macedonia SK8 Project*, ċ-*Chairman* ta' rendikont tal-mawra proposta għaż-żgħażagħ fil-Macedonia bejn it-13 u 19 t'Awwissu 2012. Hu kompla jgħid, li invista tal-fatt li sa dak inhar tal-laqgħa, n-*National Agency* kienet għada ma kkonfermatx lill-Macedonia l-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni tagħna, kien kkomunika magħhom li jekk ma jirċeviex risposta sa l-aħħar tal-ġimgħa jiġifieri sat-13 ta' Lulju 2012, hu kien tal-fehma li għandu jirtira minn dan il-proġett. Din id-deċiżjoni kien qed jeħodha għar-raġuni, li aktar ma joqrob iż-żmien anqas kienu ser ikunu l-possibbilitajiet li jinstabu biljetti ta' l-ajru u dan in-nuqqas kien qed ikollu effett fuq kemm huma affidabbli fl-eventwalita' li tinqala' xi problema sakemm din id-delegazzjoni mmexxija minn żagħżugħ Gżirjan ta' ħamsa u tletin sena iddum fil-Macedonia.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-punti mressqa miċ-*Chairman* u għalhekk, l-Kunsill jirtira l-parteċipazzjoni tiegħu minn dan il-proġett.

**7.9** Abazi tas-suġġeriment mressaq mill-Kunsillier Vincenza Attard sabiex issir *traffic calming measure* fi Triq Reid fejn in-negozju tal-purtieri,

l-Kunsill qabel unanimament li jżomm mal-proċedura u cioe' li fejn tkun ser issir, r-residenti jridu jibgħatu l-kunsens tagħhom bil-miktub konsegwentament ta' liema, l-Kunsill jaħdem fuq il-proposta.

**7.10** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John ġibed l-attenzjoni, sabiex il-kuntrattur responsabbli minn Triq Ponsonby (*Polidano Bros Ltd*) jagħmel il-ħofor għall-bandalori li għal xi raġuni nqabżu waqt li kien qed isir il-proġett infrastrutturali f'din it-triq.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1** l-laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |